MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 389/2007

**Philip Pace & Sons Limited (C13308)**

***kontra***

**Snow White Poultry Limited (C29829)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta` April 2007 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` konvenuta hija debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta` sitt elef, mija u hamsa u*

*ghoxrin lira Maltin (Lm6,125.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta` refrigerated display units, chiller u affarijiet ohra affini, mibjugha, ikkonsenjati u nstallati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.*

*2. Illi s-socjeta` konvenuta nonostante li giet interpellata sabiex thallas qed tirrifjuta minghajr raguni valida.*

*Tghid ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta` Lm6,125.00.*

*Bl-imghaxijiet kummercjali mit-12 ta` Gunju 2006 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta` Settembru 2006 u tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment kontra s-socjeta` konvenuta bid-diretturi taghha ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-27 ta` April 2007 li taqra hekk –

*Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li s-socjeta` attrici ma kkonsenjatx il-makkinarju bl-ispecifications pattwiti bil-konsegwenza illi s-socjeta` attrici qed tiffacca diversi problemi peress illi l-istess makkinarju ma huwiex qed jaqdi l-funzjoni li suppost jaqdi b`mod soddisfacenti, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.*

*Illi barra minn hekk ix-xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici ma sarx skond l-arti u s-sengha kif anke gie certifikat mill-Inginier Johan Psaila, fir-rapport hawn esebit bhala Dok. SW1.*

*Illi oltre piu` ai termini tal-iskambju datat 2 ta` Awissu 2005, hawn anness bhala Dok. SW2, is-socjeta` attrici ggarantiet li l-makkinarju minnha supplit "soddisfa l-funzionamento dei banchi, lavorazione ad ambiente + 40C", izda bhala fatt tali garanzija ma hijiex qed tigi onorata.*

*Illi s-socjeta` konvenuta nterpellat lis-socjeta` attrici li tirrimedja n-nuqqasijiet taghha, kif jirrizulta mid-dokument SW3, izda din baqghet inadempjenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Jonathan Zahra u ta` Anthony Pace.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Anthony Pace fl-udjenza tat-3 ta` Dicembru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Vincent Bugeja waqt seduta li nzammet mill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi fl-14 ta` Marzu 2008.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` l-Ing. Johan Psaila fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Roswell Karl Bugeja.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Vincent Bugeja, u ta` l-kontroezami ta` Philip Pace fl-udjenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta` Novembru 2008. Rat ukoll id-dokumenti li x-xhud Vincent Bugeja pprezenta f`dik l-udjenza.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta moghti fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2009 fejn hatret lil Joseph Mompalao bhala espert tekniku specjalizzat fir-refrigerazzjoni bl-inkariku li jezamina u jirrelata dwar l-apparat kollu istallat mis-socjeta` konvenuta.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2010 fejn, wara li qieset illi l-kumpannija attrici kienet qeghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq kuntratt bejn il-partijiet tas-16 ta` Gunju 2005 u kienet qeghda tippretendi hlas ghal dak il-kuntratt, ordnat lill-perit tekniku sabiex fl-accertamenti teknici tieghu jillimita ruhu ghall-makkinarju mertu tal-kuntratt tas-16 ta` Gunju 2005 (Dok C a fol 5 sa 7 tal-process) u jisma` dak li kellha xi tghid il-kumpannija konvenuta dwar il-makkinarju mertu tal-kuntratt.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku (fol 168 sa fol 173) li kienet ipprezentata fl-4 ta` April 2011 u mahlufa fit-8 ta` Awissu 2011.

Rat l-atti li l-perit tekniku pprezenta mar-relazzjoni (fol 174 sa fol 178).

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2011, id-difensur tal-kumpannija attrici rrimetta ruhu ghar-rapport (fol 180).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Jannar 2012 fejn kien hemm qbil bejn id-difensuri tal-partijiet illi dak illi kien fadal isir fil-kawza kienu provi dwar xi ftehim kien hemm bejn il-partijiet dwar l-istallazzjoni tat-taghmir in kwistjoni.

Semghet ix-xiehda ta` Anthony Pace, ta` Jonathan Zahra, ta` Roswel Bugeja u ta` Vincent Bugeja fl-udjenzatat-22 ta` Mejju 2012. Rat ukoll id-dokumenti li pprezenta x-xhud Anthony Pace.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat il-kumpannija konvenuta fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2012.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi</u>

**<u>Anthony Pace</u>**, direttur tal-kumpannija attrici, ipprezenta affidavit u wiegeb ghal domandi in kontroezami dwar dak illi stqarr fl-affidavit. Xehed ukoll *viva voce* u ghal darb`ohra wiegeb ghal domandi in kontroezami.

**<u>Fl-affidavit, Anthony Pace</u>** xehed illi fis-16 ta` April 2003, is-socjeta` attrici kienet iffirmat kuntratt mas-socjeta` konvenuta ghal bejgh u istallazzjoni ta` zewg units ghal *blast freezing* ta` partijiet tat-tigieg u tigieg shah. Il-funzjoni ta` dawn il-units hija sabiex il-laham jitqieghed fihom sabiex fejn maqtula friski jaslu mill-biccerija f`temperatura ta` +3 gradi Celsius, jigu pprocessati, jitpoggew fil-*blast freezer* u hemm t-temperatura taqa` ghal –18 gradi f`temp qasir. Wara ftit xhur li bdew jintuzaw, kienet iddewbet parti zghira tad-drain case tal-plastic. Wara li s-socjeta` attrici ressqet dan l-ilment tas-socjeta` konvenuta lis-suppliers tal-evaporators, dawn baghtu zewg drain cases tal-istainless steel, li wahidhom swew id-doppju ta` dawk originali. Is-socjeta` attrici tat dawn lis-socjeta` konvenuta minghajr hlas bl-intendiment li meta s-socjeta` konvenuta twaqqaf dan il-unit in kwistjoni, is-socjeta` attrici tmur sabiex tistallahom. Skond Anthony Pace, dak baqa` ma sarx. Il-*blast freezing units* baqghu jahdmu tajjeb ghal madwar sentejn, sakemm wiehed mill-kumpressuri kellu bzonn *maintenance*. Is-socjeta` konvenuta nkarikat lill-kuntrattur li soltu tqabbad s-socjeta` attrici ghal dak ix-xoghol u l-problema kienet risolta. Sa dak iz-zmien, is-socjeta` konvenuta dehret sodisfatta bis-servizz tas-socjeta` attrici ghaliex regghet avvicinat lis-socjeta` attrici tant illi sar kuntratt iehor biex mahzen li kellhom, jigi kkonvertit f`hanut ghal bejgh tal-laham. Is-socjeta` konvenuta xtrat tlett *refrigerated display counters*, li jisimhom Krea, Venezia u Milano u xtrat ukoll *coldroom*. Il-*coldroom* saret apposta ghas-socjeta` attrici ghaliex fejn issoltu l-hxuna tal-panels ghall-insulation ikunu ta` tmien centimetri (8 cm) hxuna f`dan il-kaz saru ta` ghaxar centrimetri (10 cm) hxuna bil-konsegwenza li kien se jkun hemm anqas konsum ta` elettriku. Ir-*refrigeration unit* intghazel silenzjuz sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ta` hoss ghar-residenti tal-vicin. Id-daqs tal-*refrigeration unit* kien ikbar mis-soltu ghaliex is-socjeta` konvenuta riedet tuzah ghal canga u majjal frisk mill-biccerija. Meta nxtraw il-units, kien hemm intiza illi l-*condensing units* kellhom jinzammu fil-bitha tal-fond.

Anthony Pace kompla jixhed illi l-units Krea u Venezia huma *showcases* fejn il-laham frisk jigi espost f`ambjent kiesah u fl-istess hin il-klijent ikun jista` jara l-prodott. Huma *display units* u mhumiex intizi sabiex jigi ppreservat fihom il-laham frisk ghal tul ta` zmien. It-temperatura medja taghhom tkun ta` minn +1 gradi sa +4 gradi. It-temperatura tal-laham frisk li jitpogga fihom irid ikun l-istess li allura jfisser illi l-laham frisk li jitpogga ghandu jigi mill-*coldroom*. Jekk ma jsirx hekk, jista` jkun hemm *condensation* zejda fl-evaporator li eventwalment ssir silg, bil-konsegwenza li t-temperatura fid-*display unit* toghla u ma tippreservax il-laham frisk kif suppost. Inoltre il-laham frisk m`ghandux jithalla fid-*display units* matul il-lejl.

Kompla jfisser illi wara li s-socjeta` konvenuta akkwistat il-units, is-socjeta` konvenuta nfurmat lis-socjeta` attrici li l-*condensing units* li kellhom jitqeghdu fil-bitha, fil-fatt kienu sejrin jitpoggew fuq raff gol-hanut. Is-socjeta` attrici nfurmat lis-socjeta` konvenuta illi dak ma kienx il-post ideali fejn jitpoggew ghaliex dawk it-tip ta` units kellhom bzonn cirkolazzjoni kbira ta` arja. Is-socjeta` konvenuta baqghet tinsisti li ridithom fuq ir-raff. U hekk sar. Meta beda diehel is-sajf, is-socjeta` konvenuta cemplet lis-socjeta` attrici u lmentat illi l-units ma kienux qed ilahhqu mat-temperatura. Is-socjeta` attrici sabet ukoll illi l-*bowls tal-stainless steel* li jintuzaw fil-bank kienu qed jitqeghdu hazin u kienu qed jaghlqu ix-xquq tac-cirkolazzjoni tal-arja bil-konsegwenza li l-prodott li jkun f`nofs il-bank ma kienx hemm mod kif jitkessah. Kien riskontrat ukoll li s-socjeta` konvenut kienet qeghda tghabbi d-*display counter* b`laham mhux imkessah li allura kien qieghed jisforza ir-refrigeration. Ghalkemm ghal aktar minn zewgt isjuf, sar uzu hazin tad-*display counter* ghar-raguni li spjega, l-apparat baqa` jahdem.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, **<u>Anthony Pace</u>** kien mistoqsi jikkonferma illi d-*drain caves* tal-*blast freezing units* idewbu kollha mhux parti biss. Ix-xhud cahad li hekk kien tant li s-socjeta` konvenuta baqghet tahdem b`dawk il-

units. Il-*blast freezer* ghandu zewg kumpressuri. B`hekk meta tilhaq it-temperatura jigifieri l-*blast freezing* jghaddi ghal *"wholing"* jintefa` kompressur wiehed u jibda jahdem l-iehor. B`hekk ikun hemm konsum anqas. Il-kompressuri m`ghandhomx crank KC heaters. Dik ma kenitx ghazla taghhom izda tad-disinjaturi tal-magni. Il-fatt li kienu nieqsa dawk il-*heaters* ma kienx igib nuqqas ta` depozitu ta` zejt. Ghalkemm ikkonferma li wahda mill-effetti ta` *crank case* huwa li z-zejt isir iktar *viscose* bis-shana, ix-xhud sostna li tenut kont tal-post fejn kienu qed jahdmu dawk il-magni ghal dawk li huma temperatura u ambjent, u cioe` gewwa, ma kienx hemm bzonn ta` *crank case.* Skond ix-xhud, il-kompressuri kellhom *heaters.* Dwar jekk kienux sinkronizzati, ix-xhud sostna li hija diskrezzjoni tal-utent jixghelhomx. Biex ikunu sinkronizzati, iridu jinxteghlu flimkien. Cahad li kellhom jahdmu t-tnejn flimkien billi jista` jithaddem *heater* wiehed biss. Fil-*blast freezer* jiddahhal ix-xoghol fil-unit, iz-zewg kompressuri jahdmu f`daqqa, hekk kif it-temperatura tasal ghal –18 Celsius, kompressur wiehed jaqta`, u l-kompressur l-iehor jahdem wahdu biex izomm it-temperatura f`dak il-livell. Meta t-temperatura terga` tmur ghal –18 Celsius, jaqta` kompressur u jixghel l-iehor. Mistoqsi dwar it-temperatura tar-*refrigeration unit*, ix-xhud fisser illi l-*units* jaslu anke sa +4 gradi Celsius. Ikkonferma illi r-raff fejn tpoggew il-*units* kien supplit mis-socjeta` attrici. Fl-istess waqt qal illi meta sar dak ir-raff kellu jsir kontrosoffitt fil-hanut biex mieghu jitwahhlu pannelli. Wara nbidel il-pjan u sar jablo vojt. Li kieku kienu jafu li l-units kienu se jitwahhlu gewwa, it-tfassil tar-raff kien ikun differenti.

**<u>Meta xehed *viva voce,* Anthony Pace</u>** ta l-isfond li wassal ghall-kuntratt tas-16 ta` Gunju 2005. Ighid illi qabel sar il-kuntratt, saru zewg laqghat ma` Vincent Bugeja tas-socjeta` konvenuta fil-bitha tal-fond tas-socjeta` konvenuta sabiex jigi deciz fejn kien l-ahjar post fil-bitha biex jitwahhlu l-*condensing units.* Ikkonferma li l-prattika normali ta` istallazzjoni ta` *condensing units* ghal *refrigeration* kienet illi jsiru fuq barra. Meta wasal it-taghmir minn barra, Vincent Bugeja ddecieda li t-taghmir jigi istallat fuq gewwa mhux fil-bitha. Kienet decizjoni li ha

Bugeja kontra l-parir tieghu li kien qed jidher ghas-socjeta` attrici. Bugeja nsista li l-istallazzjoni ssir gewwa ghaliex kellhom problemi mal-girien. Jekk ma kienx se jsir hekk, is-socjeta` attrici kienet sejra tibqa` bla flus. Il-units kienu ordnati biex jitwahhlu barra tant illi kienu silent u weatherproof. Ikkonferma li Vincent Bugeja kien infurmat illi l-units kienu mahsuba biex jitwahhlu barra. L-istallazzjoni saret fuq gewwa minn Jonathan Zahra.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, meta kien mistoqsi fejn kien hemm mitkub fil-brochure li l-units ma setghux jigu stallati gewwa, ix-xhud wiegeb illi minhabba l-ammont ta` arja li kienet mehtiega, ma setghux jitpoggew fuq gewwa. Sostna illi huwa kien ippropona lil Bugeja biex isir airduct halli jkun hemm influss ta` arja pero` Bugeja ma riedx u allura ma sarx. Mistoqsi jekk fil-kuntratt kienx hemm specifikat illi l-units kellhom isiru barra, ix-xhud wiegeb illi bil-fatt illi l-units kien *remote* kien jimplika li kien mahsub ghal barra.

**<u>Anthony Pace</u>** kien muri Dok. VB1 a fol 130. Mistoqsi jekk fil-fatt kienux twahhlu *"2 Twin-flow evaporators with turbocoil system and coodinated electric defrost*", ighid illi ghalkemm dawn kienu waslu minn barra baqghu ma twahhlux. Muri Dok. C a fol. 5 u mistoqsi dwar il-fatt li l-unit Krea li kellu jkollu *"electric defrost*", jikkonferma li l-unit ordnat u istallat ghand is-socjeta` konvenuta ma kellhiex *"electric defrost*". Mistoqsi dwar dak li nghad illi t-tripping kien ikkawzat mit-temperatura gholja fir-raff, ighid li dak huwa fatt, izda qabel kien miftiehem li s-sistema kellha tigi stallata barra, u ghalhekk kien inghazel dak il-mudell. Mistoqsi fejn jirrizulta mill-kuntratt li l-istallazzjoni ta` l-units kellha ssir barra, ighid li l-klawsola li tghid *"Framework for condensing unit … If necessary are not included. Installation of remote unit is understood to be a distance of up to 5 metres.*" - tfisser li dawn kellhom jitwahhlu barra fil-bitha. Ikkonferma li kienet is-socjeta` attrici li stallat s-sistema gewwa.

Kien prezentat **affidavit** tax-xhud **Jonathan Zahra**, li wiegeb ghal domandi in kontroezami dwar dak illi stqarr fl-affidavit. Xehed ukoll *viva voce* u ghal darb`ohra wiegeb ghal domandi in kontroezami.

**Fl-affidavit**, Jonathan Zahra xehed illi s-sengha tieghu hija ta` refrigeration technician u ghal xi snin kien jigi nkarigat mis-socjeta` attrici sabiex jistalla *refrigeration equipment.* Vincent Bugeja, direttur tas-socjeta` konvenuta, kien jinkarikah bit-tiswijiet ta` *refrigeration equipment* li ghandu fil-fabbrika tieghu. Fl-2003, kien istalla ghand Bugeja zewg *blast freezing units* li kien xtara minghand is-socjeta` attrici. Lejn l-ahhar tal-2005, kien inkarikat mis-socjeta` attrici sabiex jistalla hames *units* ghand is-socjeta` konvenuta : u cioe` *positive temperature display showcase, open positive temperature vertical showcase, display freezer, display island freezer* u *cold room*. Xi gimghatejn jew tlieta wara l-istallazzjoni, Bugeja sejjahlu ghaliex kien qed isostni li t-temperatura tal-*positive display showcase* ma kenitx qeghda tkun baxxa kemm ried hu. Meta mar fuq il-post, sab li xi tilari kienu qed jimblukkaw parti mill-*vents* li minnhom ticcirkola l-arja fil-*counter*. Il-unit kien qed jahdem tajjeb fis-sens li t-temperatura kienet +1°**.** Bugeja beda jinsisti li huwa ried li t-tempertaura tkun -2°**.** Ix-xhud fisser lil Bugeja illi dak il-bank ma kienx manifatturat sabiex ikessah sa temperatura hekk baxxa billi l-apparat kien *display counter* u mhux *storage* ghal laham frisk. Il-modalita` tal-uzu tal-bank kien illi fil-bidu tal-gurnata jinxteghel, meta t-temperatura tinzel ghal madwar +1 u + 2 gradi jitpogga go fih laham frisk, li matul il-lejl jinzamm fil-*cold room*, u mbaghad meta jaghlaq il-hanut, il-laham jitnehha mill-counter u jerga` jitpogga fil-*cold room.* Il-bank imbaghad jitnaddaf u jintefa`. Bugeja ried ihalli l-laham gol-*counter* il-hin kollu : bil-lejl u bi nhar.

Kompla jixhed illi kien issejjah biex imur ghand Bugeja fis-sajf tal-2006, meta kien hemm numru ta` *heat waves.* Sab illi ftit mill-kompressuri tal-units li kien istalla gewwa bdew jieqfu ghaliex bdiet toghla t-temperatura tal-

ambjent fuq ir-raff fejn kienu. Sab li l-arja ta` madwar il-kompressuri kienet tahraq hafna u allura kien hemm bzonn li jizdied il-volum tal-arja friska li tidhol minn barra. Ta parir lil Bugeja sabiex jaghmel fetha fil-hajt u jistalla *intake fan*. U hekk sar.

**Fil-kontroezami**, ix-xhud ikkonferma li meta jigu mblokkati parti mill-*vents*, tigi mblokkata parti mic-cirkolazzjoni tal-arja u li mbaghad tikkawza s-silg. Eskuda li *blast freezer* suppost jithaddem biz-zejt 22. L-ilmenti tas-socjeta` konvenuta kienu li t-temperatura tal-*counter* qatt ma nizlet, kif ukoll li minhabba s-shana, il-kumpressur tad-*display units* beda jittrippja. Huwa kien issuggerixxa illi jixxarrab il-*condenser* biex jitkessah ftit ghaliex it-temperatura li kien hemm fuq ir-raff kienet gholja wisq.

**Meta xehed *viva voce,* Jonathan Zahra** kkonferma li hu ha hsieb l-istallazzjoni tal-*condensing units* fil-fond tas-socjeta` konvenuta fuq raff li kienet kamra fuq, f`nofs il-hanut. Sostna illi kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-units jitwahhlu fir-raff. Huwa kien kontra li jsir hekk. Mistoqsi mill-qorti minn hallsu ghall-istallazzjoni tal-units, ix-xhud wiegeb li kienet is-socjeta` attrici li hallsitu. L-istruzzjoni li kellu kienu illi jitwahhlu gewwa. Mistoqsi mill-qorti jekk id-decizjoni li jitwahhlu gewwa kenitx decizjoni hazina, ix-xhud wiegeb illi kienet decizjoni hazina hafna ghaliex gewwa ma kienx hemm ventilazzjoni sufficjenti ta` arja, b`mod illi allura kien se jikkaguna inefficjenza fis-sistema ghaliex iddum biex jilhaq it-temperatura. Is-suggeriment tieghu meta cempillu Bugeja kien li jsir *remote condensing unit* li jehel fuq barra, ihalli l-kumpressur gewwa u johrog ir-radiator barra. Bugeja accetta, sar dak ix-xoghol u x-xhud thallas mis-socjeta` konvenuta. Mistoqsi mill-qorti ghaliex ma kienx ippropona dik is-soluzzjoni mill-ewwel gurnata, ix-xhud wiegeb illi huwa kien ippropona li l-units jinhargu barra.

Meta kien mistoqsi **fil-kontroezami** jekk fl-ghaxar snin li kien ilu jahdem ghas-socjeta` attrici kienx iltaqa`

ma` sitwazzjoni sitwazzjoni simili ghal dik, ix-xhud wiegeb illi dik kienet l-ewwel darba, fis-sens li dawk it-tip ta` units gew istallati gewwa u mhux barra.

**Vincent Bugeja** xehed illi huwa kien id-direttur manigerjali tas-socjeta` konvenuta. Ighid illi huwa kien qabbad lis-socjeta` attrici biex taghmillu zewg *blast freezers* go kamra shiha. Dak ix-xoghol kien jiswa sittin elf lira (Lm60,000). L-ewwel problema li nqalghet kienet illi l-*heaters* ma kienux sinkronizzati fis-sens illi biex jahdmu flimkien kien jehtieg li jkun mixghula flimkien. Ghax ma kienux sinkronizzati, wahda kienet issahhan u l-ohra tibda tkessah. Meta nforma lis-socjeta` attrici b`din il-problema, kien infurmat illi kellu jixghelhom fl-istess hin. It-tieni problema kienet id-*display counter.* L-ordni kienet skond Dok C. Kien hemm zewg units : wahda jisimha Milano u l-ohra Krea. Milano kellu jkun b`mutur wiehed ta` 10 hp ; meta gew ghall-konsenja, l-apparat gie b`zewg muturi ta` 5 hp kull mutur. Il-problema kienet li fis-sajf malli t-temperatura titla anke 35 gradi Celsius, dawn ma jibqghux ikesshu. Dwar Krea, dan kellu jkun ta` 2 hp scroll ; id-ditta Taljana nfurmat lis-socjeta` attrici li dan kien se jkun qawwi wisq. Huwa ried mutur ta` 2 hp ; minflok wasal wiehed ta` 1.5 hp, u allura izghar u mhux scroll. Kien qed jaghtih temperatura ta` + 2 Gradi Celsius fix-xitwa izda fis-sajf ma jtihx. Kien hemm problema bil-*heater* ghaliex ma kienx bil-*heat element* u ghalhekk meta jidhol il-heater, idum hamsin minuta fuq il-heater u t-temperatura titla ghal +8 Gradi Celsius, li mhijiex accettabbli. Is-socjeta` attrici offriet illi taghmel il-*heater element* b`xejn, izda baqa` ma ghamlet xejn. Dwar il-Venezia ma kienx hemm problemi ghalkemm kellu jkun 2.5 scroll meta fil-fatt kien konsenjat 1.14 u mhux scroll. Dwar l-ghata tal-vents bit-trays, ix-xhud ikkonferma illi hekk kien isir izda ma baqax isir hekk wara li trangat is-sistema. Il-problema pero` baqghet tezisti. Dwar l-uzu korrett tad-display counter, ix-xhud cahad illi Anthony Pace kien qallu dwar kif kellu jintuza l-counter. Dwar ic-cirkolazzjoni tal-arja, ix-xhud qal illi huwa ghamel toqba, u ducting ghal fuq il-bejt. Meta saret it-toqba, is-sitwazzjoni mmiljorat izda xorta l-problema ma tnehhietx ghal kollox ghaliex il-unit Milano baqa` ma jahdimx meta t-temperatura titla ghal 35 Gradi Celsius, waqt li l-unit Krea ghalkemm jibqa` jahdem il-performance

tieghu tonqos. Ighid li huwa kien qabbad esperti biex jaraw dawn il-problemi u dawn kienu tal-fehma illi bhala fluss tal-arja kien kollox sew. Fis-sistema tal-*blast freezers* kien inharaq l-kumpressur u ghalkemm kien informa lis-socjeta` attrici, din ma sewwietux. Fil-fatt ghamel hu t-tiswija u nefaq Lm1000. Meta Jonathan Zahra mar ghandu, kienu qallu li l-*condensers* tal-unit Milano kienu zghar u li l-muturi tal-Krea kienu qed jahdmu fil-limitu taghhom. Huwa nsista mas-socjeta` attrici jekk issolvilu l-problemi kollha pendenti, kien il-flus kollha li kien fadal ihallas. Is-socjeta` attrici baqghet tinsisti fuq il-pagament. L-unika haga li ghamlet is-socjeta` attrici kienet illi hallset biex sar l-element tal-Krea.

Fil-**kontroezami**, **Vincent Bugeja** xehed illi l-*blast freezers* kienu istallati madwar Gunju 2003. Wara tlett gimghat induna bl-ewwel difett li kien s-sistema tal-heaters, ghaliex beda jaghqad is-silg. Wara bdew jishnu l-pajpijiet li kienu tal-plastic, li wara nbidlu mis-socjeta` attrici ghal copper. Wara sentejn u nofs, inharaq il-mutur u biddlu. Mistoqsi dwar l-uzu li kien isir tal-*blast freezers*, xehed illi huwa kellu fabbrika li mbaghad inbidlet ghal hanut tal-laham. Ghalhekk meta xtara l-blast freezers, huwa ried iqatta` t-tigieg maqtulin lesti friski, jippakkjahom u jiffrizahom. Bil-hanut, kien qed izomm il-laham fil-*blast freezers* ghall-friza. L-uzu tal-blast freezers kien naqas bejn meta l-post kien fabbrika ghal meta sar hanut. Ix-xhud ipprezenta tlett dokumenti (Dok. VB1 sa Dok. VB3) minn fol.130 sa 132 tal-process : Dok VB1 kienet l-ordni li kien ghamel mas-socjeta` attrici ; Dok VB2 kienu l-ispejjez li s-socjeta` konvenuta kellha taghmel sabiex jissewwa kumpressur li nharraq wara sentejn ; u Dok. VB 3 huma l-ispejjez li s-socjeta` konvenuta kellha tinkorri fuq id-drains tal-istess sistema. Ix-xhud ikkonferma li dwar Dok VB1 ma kien hemm l-ebda kawza bejn il-partijiet. Il-kawza tal-lum kienet dwar kuntratt iehor bejn il-partijiet li sar fis-16 ta` Gunju 2005.

Xehed illi ma` Anthony Pace kien hemm qbil li l-units isiru gewwa. Biex ikun hemm ventilazzjoni ghal barra sar

ducting ma` kull kumpressur li jigbed minn gewwa ghal barra. Mistoqsi mill-qorti jekk Pace kienx qallu li l-units kellhom jitwahhlu barra, ix-xhud stqarr illi Pace kien ippropona li jehlu barra. Kien hu li riedhom gewwa biex ma jdejjaqx lil girien. Ghalhekk Pace ippropona li ssir ducting. Dan sar u thallas mis-socjeta` konvenuta. Ix-xoghol tad-ducting ma sarx minn Jonathan Zahra izda minn haddiehor. Mistoqsi mill-qorti jekk Jonathan Zahra kienx ippropona li t-taghmir jitwahhal barra, ix-xhud fisser illi Zahra kien tkellem f`dak is-sens u li l-kompressuri ma kienux tajbin ghal gewwa. Ikkonferma li fuq barra sar condensing unit bir-remote. Wara li dan sar, waqfu l-problemi. Ix-xoghol sewa €6000 u l-hlas sar mis-socjeta` konvenuta. Ikkonferma li ma kienx hallas lis-socjeta` attrici minhabba l-problemi li nqalghu fil-units u ghaliex kien hallas dawk is-€6000 (ara fol 141).

**<u>Johann Psaila</u>** xehed illi huwa jahdem bhala refrigeration engineer. Ikkonferma r-rapport a fol.14 tal-process. Rigward il-*serve over counters*, ighid li huwa kien issuggerixxa li jkun hemm *supplementary defrost* biex it-temperatura ma titlax sa sebgha (7) gradi, ghaliex dan suppost ikun bejn zero u tnejn. Kien hu stess li ttestja l-counter bit-termometru u sab li t-temperatura kienet telghet ghal 7 gradi. Rigward il-kumpressuri, ighid li dawn kienu ta` 1.5 hp ; normalment dawn ghandhom ikunu ta` 2hp u anke 2.5hp minhabba l-ambjent ta` Malta. Mistoqsi jekk ikunx hemm konsegwenzi jekk thalli t-trays bil-laham fil-counters anke matul il-lejl, ix-xhud sostna li m`ghandux ikun hemm konsegwenzi. Huwa ma spezzjonax l-istand up fridges Milano u Krea. Rigward il-blast freezers ix-xhud ighid illi kienet saret fihom taqliba fir-*refrigeration*, fis-sens li l-manifattur kien harighom biz-zejt R22, u l-kuntrattur lokali kien qalibhom ghaz-zejt R404A. Din hija taqliba accettabbli izda kellha tigi segwita procedura. Huwa nnota li l-kumpressuri ma kellhomx il-*crank case heaters*, u li allura kienu difettuzi ; ma kienux qed jahdmu. Induna wkoll li d-*defrost heating* tal-evaporatori kienu indipendenti fis-sens li wiehed ikun qed ikessah u l-iehor ikun fuq *defrost cycle*. Biex dawn ma jibqghux indipendenti, wiehed ghandhom jaghmilhom integrati ma` xulxin. Biex

isir hekk kien hemm spiza ta` bejn Lm250 u Lm350. Huwa ghamel ir-rapport dwar il-*blast freezers*, ghaliex kien inharaq il-kumpressur ; il-bdil tal-kumpressur kien jinvolvi spiza ta` Lm2000 sa Lm3000.

Fil-**kontroezami**, mistoqsi jfisser il-procediment ta` *supplementary defrost*, ix-xhud spjega li dan ikun *electrical heating element* li jigi istallat mal-evaporator. Jekk jigi stallat bi spiza ta` bejn Lm120 u Lm150, il-problema taz-zieda fit-temperatura ghal 7 gradi tigi risolta. Ikkonferma li Bugeja ma kienx staqsieh kemm kienu l-ispejjez tat-tiswija tas-*serve over counters.* Mistoqsi ghaliex fir-rapport ma semmiex li l-problema setghet tissolva billi tibdel il-kumpressur, ix-xhud stqarr illi meta hu mar fuq il-post ma kienx hemm problemi ta` shana jew li ma kienx qed ikessah bizzejjed. Il-brief tieghu kien dwar l-*indoor unit* u s-*serve over counter*. Wara li pprezenta r-rapport tieghu lis-socjeta` konvenuta, ma kienx imqabbad biex ikompli jsegwi l-kwistjoni.

Kien prezentat **affidavit** ta` **Roswell Karl Bugeja**.

Dan xehed illi huwa direttur tas-socjeta` konvenuta. Kienu akkwistaw minghand is-socjeta` attrici zewg kumpressuri ta` 7.5 hp kull wiehed biex jintuzaw ghal *blast freezing*. Il-problema bdiet bid-*defrost heater* qisu gimghatejn wara l-istallazzjoni, ghaliex id-*defrost heating* taz-zewg muturi ma bediex jidhol fl-istess hin billi kienu zewg sistemi separati. Ghalhekk kien blockage fid-drains ghaliex waqt li sistema tkun fuq defrost, l-ohra tkun qed tkessah. Sabiex tkun risolta l-problema, is-socjeta` attrici kienet istallat *heating element* bejn l-*evaporator* u d-*drain trays*. Izda l-problema mhux biss baqghet l-istess izda bdew jinhallu d-*drain dishes* u meta kienu regghu nfurmaw lis-socjeta` attrici kienu ordnaw dixxijiet tal-i*stainless steel*, li thallsu mis-socjeta` konvenuta, izda l-problema baqghet irrisolta. Fil-fatt minhabba f`hekk inharaq wiehed mill-kumpressuri. L-ispiza tat-tiswija nkorrietha s-socjeta` konvenuta. Meta mbaghad kienu

stallati kumpressuri godda, induna li d-data ta` meta kienu gew manifatturati kienet giet mhassra. Skond l-ingier, dawk il-kumpressuri kellhom ikollhom *crank case heater* izda fil-fatt ma kellhomx. Kompla jixhed illi s-socjeta` attrici stallat ukoll display unit Krea fl-2005. Kien ordnat mutur 2.5, izda s-socjeta` attrici nfurmathom li l-units ma kellux bzonn dik it-temperatura. Fil-fatt dan mill-bidu beda bil-problemi li ma jlahhaqx mat-temperatura miftehma ta` 0 sa +2. Problema ohra kienet li d-*defrost heater* kien qieghed bl-arja minflok *heating element* u ghalkemm s-socjeta` attrici accettat li jsir il-*heating element*, baqa` ma sar xejn. Fil-bidu tas-sajf tal-2006, bdew il-problemi bil-unit Milano, ghaliex meta t-temperatura telghet ghal 33 grad, ma baqghux ikesshu, u meta kellmu t-technician kien infurmahom illi l-condensers tal-kumpressuri kienu zghar. Meta kien jigri dan, kellu jitnehha l-laham minn go fih u jintrema` b`Lm500 xoghol. Fil-fatt biex il-problema ma tkomplix, is-socjeta` konvenuta ordnat condenser addizzjonali li l-prezz tieghu minghajr l-istallazzjoni kien ta` Lm3300.

Anke fil-**<u>kontroezami</u>**, Bugeja kien mistoqsi dwar fejn tqeghdu l-condensing units. Ighid li kien prezenti meta missieru Vincent Bugeja u Anthony Pace tkellmu dwar il-condensing units. Missieru ried li l-units jigu nstallati fir-raff. Mistoqsi jekk kienx hemm diskors minn Pace li l-units kellhom isiru barra, ix-xhud wiegeb li dak id-diskors ma sarx. Ikkonferma li d-*ducting* sar mis-socjeta` konvenuta fuq suggeriment tas-socjeta` attrici. Ighid li ma jiftakarx jekk Pace kienx prezenti meta ttiehdet id-decizjoni li l-units isiru fuq ir-raff.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Ir-relazzjoni peritali</u>

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert tekniku John Mompalao jaghmel dawn il-kostatazzjonijiet –

*"15. Illi minn dak illi kkonstata l-esponenti fuq il-post wara li anke sema` l-partijiet bil-gurament jirrizulta illi l-problema principali ta` dan il-makkinarju kollu kienet il-post fejn gew stallati l-kumpressuri.*

*16. Dawn il-kumpressuri gew stallati fuq raff fi spazju ferm ristrett bil-konsegwenza illi kif tibda s-shana, bis-shana li jiggeneraw l-istess kumpressuri, l-funzjoni taghhom kienet tigi ridotta b`mod notevoli ...*

*19. **L-istallazzjoni ta` l-apparat kollu saret kollha skond l-art u s-sengha u l-apparat supplit ma fih l-ebda difett**. L-uniku difett illi kien hemm kien il-post fejn gew installati l-kumpressuri tal-units. Zgur illi l-kumpressuri qatt ma kellhom jigu stallati f`post daqshekk ristrett fejn ma hemm l-ebda passagg ta` arja friska anzi l-esponenti jghid illi l-istallazzjoni ta` dawn il-kumpressuri f`dan il-post kienet wahda mhux hazina izda wkoll perikoluza peress illi seta` facilment ikun hemm hruq …*

***22. Fil-fatt filwaqt illi l-esponenti jikkonferma illi l-problema ta` kollox kienet l-istallazzjoni ta` dawn il-kumprassuri fir-raff, liema problema giet sussegwentement risolta meta l-kumpressuri tnehhew minn hemmhekk …***

*24. Mill-bqija l-esponenti jafferma illi l-makkinarja supplit kien wiehed tal-kwalita` patwita u ma kellu fih xejn difettuz."*

Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novmebru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta` l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setaxjigiepurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt , dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* (ara –"**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**"Cauchi vs Mercieca"** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u

**“<u>Saliba vs Farrugia</u>”** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Din il-Qorti tirrileva wkoll bhala fatt illi wara li l-perit tekniku halef ir-rapport tieghu, l-ebda parti ma talbet il-hatra ta` periti teknici addizzjonali. Fis-sentenza fil-kawza “**<u>Bugeja et vs Muscat et</u>”** (Qorti ta` l-Appell – 23 ta` Gunju 1967), intqal li l-“*giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.”*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Sottomissjonijiet</u>**

Fis-sottomissjonijiet tal-ahhar, il-posizzjoni tas-socjeta` attrici kienet li t-taghmir kien ordnat skond ftehim tas-16 ta` Gunju 2005, wara li saru kuntatti bejn il-partijiet inkluz fil-bitha tal-post fejn kellhom jigu stallati l-*condensing units.* Il-prova li l-partijiet kienu ftehmu li l-units kellhom jigu stallati barra fil-bitha tirrizulta fil-ftehim stess meta kienu ordnati ghaxar metri pajpijiet u wiring – evidenza tad-distanza notevoli li kien hemm bejn il-bitha u l-hanut. L-ordni kienet tiswa Lm40,000 ; minnhom s-socjeta` konvenuta hallset depozitu ta` Lm10,000. Wara li l-units kienu stallati fir-raff, thallas parti mill-bilanc. Il-bqija baqa` ma thallasx. L-ewwel darba li s-socjeta` konvenuta ghamlet lment dwar il-units kien b`risposta tas-16 ta` Ottubru 2006 ghal ittra li fit-22 ta` Settembru 2006 baghtet is-socjeta` attrici biex tithallas l-intier li kien dovut lilha skond il-ftehim. L-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma kontradetti mir-rapport tal-perit tekniku.

Fis-sottomissjonijiet taghha tal-ahhar, il-kumpannija konvenuta tghid illi din il-kawza ma tittrattax biss *sales contract* izda kuntratt ta` appalt ukoll. Mir-rapport tekniku rrizulta li l-post fejn tqeghdu l-units mhux biss kien hazin, izda anke perikoluz. Ma kienx miftiehem bil-preciz bejn il-partijiet fejn kellhom jitwahhlu l-units ghaliex fl-affidavit tieghu, Anthony Pace l-ewwel ighid li kellhom isiru fil-bitha, mbaghad jghid li kellhom isiru fuq il-bejt u fl-ahhar jerga` jghid li kellhom isiru bil-bitha – evidenza li ghas-socjeta` konvenuta tfisser li ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar fejn kellhom jitpoggew il-units. Fatt iehor li skond il-kumpannija konvenuta juri li s-socjeta` attrici kienet taf fejn kienu se jigu stallati il-units huwa li fil-ftehim stess kien hemm riferenza ghar-raff li kien se jigi ordnat u li gie jiswa Lm840.

**Ikkunsidrat :**

**V. Risultanzi**

**i) L-ewwel eccezzjoni**

Din l-eccezzjoni taqra hekk –

*Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li s-socjeta` attrici ma kkonsenjatx il-makkinarju bl-ispecifications pattwiti bil-konsegwenza illi s-socjeta` konvenuta qed tiffaccja diversi problemi peress illi l-istess makkinarju ma huwiex qed jaqdi il-funzjoni li suppost jaqdi b`mod sodisfacenti, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.*

Mill-mod kif impostat l-eccezzjoni, is-socjeta` konvenuta qeghda tirreferi ghall-Art 1390 tal-Kap 16 li jaqra hekk –

*Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li*

*fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista` jagħzel jew li jirrifjuta l-ħaga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaga bi prezz anqas fuq stima ta` periti."*

Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Mejju 2005 fil-kawza "**Farrugia noe vs Xuereb pro et noe**" il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk –

*"Issa mhuwiex in disputa illi tali dispost jista` jitqajjem mix-xerrej anke per via di eccezione. Ara* ***Kollez. Vol. XXX P I p 751*** *u* ***Vol. LXXIII P I p 260.*** *Naturalment, u logikament, ix-xerrej irid ikun f` qaghda guridika li jkun jista` jipprevalixxi ruhu minn dan ir-rimedju. Dan ghaliex hu ragonevoli li jigi sostenut illi jekk bl-azzjoni tieghu jippregudika d-dritt lilu hekk rizervat mil-ligi tali rimedju ma jkunx aktar disponibbli ghalih. Dan, indipendentement mill-kontroversja sorta f` certa gurisprudenza dwar jekk l-istess rimedju kienx applikabbli wara r-recezzjoni tal-konsenja. Ara a propozitu* ***Vol. XLIX P II p 955****"*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Jannar 2005 fil-kawza "**L&D Attard Co. Limited vs Eurometal Co. Limited**", il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk –

*"Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti (****Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Pauline Buhagiar nomine****, Appell Civili, 28 ta` April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta` l-artikolu tal-ligi, huwa seta` wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta` perit.*

*Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet: "****John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott****", Appell Civili, 19 ta` Mejju 2000, gie inoltre ritenut li "din kienet difiza li l-kompratur seta` javanza ukoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il- prezz ta` l-oggett in*

*vendita`. Mill-banda l-ohra, jekk il- kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu".*

Fil-kawza tal-lum, irrizulta li s-socjeta` konvenuta ma haditx dawk il-passi necessarji sabiex turi l-ilment taghha li l-units li kienet akkwistat mis-socjeta` attrici ma kienux tal-kwalita pattwita. Mhuwiex kontestat illi s-socjeta` konvenuta baqghet taghmel uzu tal-units. Anzi halliethom fejn kienu stallati sa mill-bidu ; u kemm kattret il-fluss tal-arja minn barra biex jittaffa l-effett tas-shana. Jirrizulta wkoll li lmentat mas-socjeta` attrici wara li rceviet interpellazzjoni mis-socjeta` attrici biex thallas dak li kien ghadu dovut. Billi ma rrifjutatx il-units, anzi baqghet taghmel uzu minnhom, ma tistax tirreklama danni. Inoltre ma hadet l-ebda azzjoni (lanqas fl-ambitu ta` din il-kawza) biex izzomm il-units bi prezz anqas. Din il-Qorti tghid illi fil-kuntest tal-Art 1390 tal-Kap 16, il-kumpannija konvenuta ppregudikat l-posizzjoni taghha rrimedjabilment.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qeghda tkun respinta.

## ii) <u>It-tieni eccezzjoni</u>

Din l-eccezzjoni taqra hekk –

*Illi barra minn hekk ix-xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici ma sarx skond l-arti u s-sengha kif anke gie certifikat mill-Inginer Johann Psaila, fir-rapport hawn esebit bhala Dok. SW 1.*

Dwar ir-rapport Dok SW1 li thejja mill-Ing. Johann Psaila, ghandu jinghad li l-kostatazzjonijiet hemm dedotti

jirrigwardaw l-aktar is-serve over counters u l-blast freezers. Fir-rapport mhuwiex jinghad illi dak l-apparat ma kienx stallat skond l-arti u s-sengha. Il-perit tal-qorti jghid fil-Para 19 tar-relazzjoni tieghu (fol 172) *l-istallazzjoni ta` l-apparat* ***<u>kollu</u>*** *saret kollha skond l-art u s-sengha u l-apparat supplit ma fih l-ebda difett."* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Ir-rapport tal-perit tekniku John Mompalao ma kienx kontradett minn ebda parti. Lanqas saret talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali. Billi l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta` John Mompalao huma ta` natura teknika, u billi ma rrizultawx fatti jew cirkostanzi li jgeghluha tahsibha xort`ohra, din il-Qorti sejra toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku.

Ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni qeghda tkun michuda.

**iii) <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Taqra hekk –

*Illi oltrepiu ai termini tal-iskambju datat 2 ta` Awissu 2005, hawn anness bhala Dok. SW2, is-socjeta` attrici ggarantit li l-makkinarju supplit "soddisfa il funzionamenti dei banchi, lavorazione ad ambiente + 40C", izda bhal fatt tali garanzija ma hijex qed tigi onorata."*

Din il-Qorti tinnota li effettivament dak citat mis-socjeta` konvenuta mhuwiex preciz ghaliex minn ezami ta` Dok B a fol. 4 tal-process, li huwa kopja tal-email tat-2 ta` Awwissu 2005, jirrizulta miktub ukoll b`nota datata 3 ta` Awissu 2005 illi – *"Il cliente accetta la vostra proposta di motori, basta che questo e` garantito che soddisfa il funzionamento dei banchi, lavorazione ad ambiente + 40 gradi".* Fil-verita`, is-socjeta` attrici talbet konferma lil min

kien qed jissupplixxi l-makkinarju li l-proposta taghhom kienet tiggarantixxi li l-units setghu jahdmu f`ambjent ta` erbghin grad u aktar. Mid-dokument, ma jirrizultax li l-kumpannija attrici tat garanzija izda talbet garanzija li l-makkinarju seta` jissodisfa dawk il-kriterji. Mill-atti ma jirrizultax li s-suppliers tal-makkinarju taw il-garanzija. Kwindi l-eccezzjoni kif dedotta ma tistax tregi.

Ghalhekk anke t-tielet eccezzjoni qeghda tkun rigettata.

**iv) <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>**

Din l-eccezzjoni tghid illi –

*Is-socjeta` konvenuta nterpellat lis-socjeta` attrici li tirrimedja n-nuqqasijiet taghha, kif jirrizulta minn Dokument SW3 u din baqghet inadempjenti.*

Eccezzjoni ta` din ix-xorta ma tistax tregi fl-ewwel lok ghaliex dak eccepit huwa kontestat mis-socjeta` attrici u fit-tieni lok ghaliex is-socjeta` konvenuta ma marritx oltre semplici lanjanza. Jekk tassew kien hemm inadempjenzi da parti tas-socjeta` attrici, kien messha pproponiet kontrotalba u titlob rimedju mill-qorti. Kif impostat l-eccezzjoni, is-socjeta` konvenuta kemm illamentat izda l-lament taghha anke ghax kontestat ma jistax iwassal biex hi ma thallas il-bqija ta` dak li ghandha taghti lis-socjeta` attrici.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tigi respinta.

**v) <u>It-talba attrici</u>**

Is-socjeta` attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta` Lm6125 bhala bilanc ta` l-prezz tal-kuntratt tas-16 ta` Gunju 2005 (Dok. C). Il-quantum pretiz mhuwiex kontestat mis-socjeta` konvenuta bhala tali.

Fis-sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici tittenta tghid illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kenitx ta` bejgh semplici izda ta` appalt ukoll u kwindi timplika li ghall-fatt illi l-units twahhlu gewwa meta kienu ntizi ghal barra huwa prova ta` nadempjenzi fl-arti u s-sengha.

Dwar il-kuntratt ta` appalt, din il-Qorti (**<u>PA/NC</u>**) fis-sentenza taghha tal-4 ta` Gunju 2004 fil-kawza "**<u>Cassar vs J & C Farrugia Ltd</u>**" qalet hekk –

*" …il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza* ***Anthony Marcel Pace Asciaq noe. et vs Joseph Camilleri et*** *fejn giet ezaminata pro funditus id-distinzjoni fejn kuntratt ta` bejgh u dak ta` appalt, meta jkunu saru xi xogholijiet fl-oggett. F`dan il-kaz saret referenza ghall-kazistika Taljana in materja li giet adoperata ghas-soluzzjoni ta` dak il-kaz. Intqal f` dak il-kaz : "Giet allura koncepita t-teorija zviluppata fid-duttrina u l-gurisprudenza Taljana 'secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivament, in un` obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme de fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell`appaltatore` [Kassazzjoni]. Din it-teorija ttendi biex tassenja importanza deciziva* ***lill-volonta` tal-partijiet*** *kontraenti ...*

*F` dan il-kuntest giet ritenut, dejjem fil-gurisprudenza Taljana, illi "si trattera` di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell` ordinaria produzione dell`assuntore [Kassazzjoni] Tali tibqa` s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oggett, purche jkunu marginali jew sekondarji addottati biex jissodisfaw l-esigenzi tad-destinatarju tieghu. Min-naha l-ohra jekk il-*

*modifiki `siano tali da dare luogo ad un opus perfectum inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si trattera invece di appalto [Kassazjoni]. Jekk imbaghad ukoll il- kuntratt ma jkunx jista` jigi kazellat taht it-tip wiehed jew l- iehor, jista` jigi kwalifikat bhala contratto misto [Kassazzjoni]"*

*Fil-kawza* ***George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe.*** *l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat li "ghalkemm hemm diversi teoriji fid-dottrina, tidher pero` prevalenti u aktar konvincenti t-teorija li wiehed ghandu jhares lejn* ***l-intenzjoni tal-kontraenti*** *u jekk dawn ikunu harsu principalment lejn l-obbligazzjoni di fare, allura l-kuntratt huwa ta` locatio operis, mentri jekk ikunu harsu principalment lejn l-obbligazzjoni di dare, il-kuntratt huwa ta` bejgh. Izzid din il-Qorti li huwa l-aktar konvincenti ghaliex wara kollox hija l-intenzjoni tal-partijiet li taghmel il-ftehim ta` bejniethom dak li fil-fatt hu .... `Per modo che il contratto e` di vendita ove l`obbligazione di fare non sia che un mezzo per sodisfare quella di dare, ed e` locazione d` opera allorche l` obbligazione di dare si considera come mezzo per sodisfare quella di fare [Ricci]"*

Hekk ukoll inghad minn din il-Qorti (**PA/PS**) fis-sentenza taghha tat-28 ta` Jannar 2004 fil-kawza "**Pace Axiaq vs Camilleri**"–

*"Premess dan li fuq gie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-ricerka tal-kriterju distintiv bejn "vendita" u "locatio operis" mhux nieqes minn diffikoltajiet. Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-gurisprudenza ;*

*Hekk it-trattist* ***C. Massimo Bianca*** *fl-opra tieghu "La Vendita e la Permuta", Unione Tipografico - Editrice Torinese, Edizzjoni 1972 pagna 39 para. 21, jghid illi "quando l`alienante assume una prestazione di fare che non si limita ad una semplice attivita` integrativa o complementare ma attiene alla stessa produzione del bene, il problema della classificazione del contratto non puo` essere risolto qualificando senz` altro la prestazione come accessoria rispetto alla vendita. Occorre piuttosto*

*accertare se il rapporto negoziale non corrisponda in realta` al tipo dei contratti d` opera individuale o imprenditoriale, cioe` al contratto d` opera o al contratto d` appalto.";*

*Jinghad minn awturi bhal* ***Rubino-Iudica*** *("Dell` Appalto" para 44) illi dak li jiddistingwi l-appalt mill-bejgh huwa l- kriterju tal-"prevalenza del lavoro sulla materia". Bl-invers jinsab ritenut illi meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgh ("****Carmelo Borg -vs- Joseph Mifsud",*** *Appell Kummercjali, 7 ta` Ottubru 1980) ;*

*Fil-fehma tal-Qorti din hi distinzjoni pjuttost semplicistika tal-kuncett u ma ssolvix il-problema ;*

*Giet allura koncepita t-teorija zviluppata fid-dottrina u l-gurisprudenza Taljana "secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un` obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell` appaltatore" (Qorti* ***tal-Kassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta` Jannar 1970)*** *;*

*Din it-teorija ttendi biex tassenja importanza deciziva lill- volonta tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f` certa gurisprudenza taghna, kif manifest mis-sentenzi fl- ismijiet "Neg.* ***George E. Camilleri -vs- Joseph Mamo nomine",*** *Qorti tal-Kummerc, 28 ta` Awissu 1951; "George* ***Vassallo -vs- Lawrence Fenech et nomine",*** *Appell Kummercjali, 26 ta` April 1988 u "John* ***Debono - vs- Anthony Fenech nomine et",*** *Appell Kummercjali, 15 ta` Jannar 1992 ;*

*Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volonta` tal-partijiet s-soluzzjoni tal-vertenza jidher li giet stabbilita skond l-ottika li wiehed jara l-kontrattazzjoni;*

*F`dan il-kuntest gie ritenut, dejjem fil-gurisprudenza Taljana, illi "si trattera` di vendita di cosa futura e non di*

*appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell` ordinaria produzione dell` assuntore” (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 ta` l-1983).** Tali tibqa` s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oggett, purche jkunu marginali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esigenzi tad-destinatarju tieghu. Minn naha l-ohra jekk il-modifiki “siano tali da dare luogo ad un `opus perfectum` inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si trattera` invece di appalto” (Qorti **tal-Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000).** Jekk, imbaghad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista` jigi kazellat taht it-tip wiehed jew l-iehor, jista` jigi kwalifikat bhala “contratto misto` (**Qorti ta` Kassazzjoni Nru. 83 ta` l-1972)**”*

Wara li qieset il-fatti, din il-Qorti tghid minghajr esitazzjoni li r-rapport guridiku bejn il-partijiet kien wiehed ta` bejgh ta` makkinarju. Kienet “*obbligazione di dare*” u mhux “*obbligazione di fare*”. Dan huwa evidenti anke mill-mod kif il-kumpannija konvenuta ddefendiet ruhha kontra t-talba attrici u cioe` principalment bil-pretensjoni taghha li l-apparat ma kienx tal-kwalita` patwita. Kien meta l-kumpannija konvenuta ttentat tghid illi kien hemm karenza ta` arti u s-sengha fit-twettieq tal-obbligazzjoni li ppruvat iddahhal dubju li l-kuntratt seta` kien appalt ukoll. Dan pero` mhuwiex il-kaz. Din id-distinzjoni hija mportanti anke fir-rigward tal-fatt li l-bicca l-kbira tal-provi kienu centrati fuq il-kwistjoni ta` min iddecieda fejn ghandhom jitqeghdu dawn il-kumpressuri, ghaliex li kieku din il-Qorti ddecidiet li dan kien kuntratt ta` appalt, r-responsabbilita ta` fejn twahhlu dawn il-kumpressuri kienet fl-ahhar mill-ahhar taqa fuq l-appaltatur, ossia hawn is-socjeta` attrici. Dan qed jinghad a bazi tal-principju fil-kuntratt ta` appalt li l-appaltatur ghandu jaghmel xoghol skond is-sengha u l-arti anke kontra l-volonta tal-appaltant. Fil-verita` u hekk irrizulta mill-provi illi kienet decizjoni tas-socjeta` konvenuta li l-istallazzjoni ssir fir-raff, kontra l-parir tas-socjeta` attrici. Fin-negozju li sar bejn il-partijiet, l-istallazzjoni tal-apparat kien aspett sekondarju tar-rapport guridiku ta` bejniethom li kien dak ta` bejgh. Fil-kaz tal-lum, l-apparat kien tajjeb. U nstab li kien tal-kwalita` patwita. Irrizultaw il-fatti u c-cirkostanzi ghala l-units

twahhlu fejn twahhlu. L-apparat seta` twahhal barra u kien jaqdi tajjeb il-funzjoni tieghu minghajr spejjez agguntivi. Ladarba l-kumpannija konvenuta riedet l-istallazzjoni gewwa kontra l-fehma tas-socjeta` attrici, il-fatt li l-istallazzjoni saret gewwa ma jaghmilx mis-socjeta` attrici kompartecipi f`agir li jmur kontra l-arti u s-sengha ghaliex in-negozju bejn il-partijiet ma kienx appalt. Fil-fatt wara li ss-socjeta` konvenuta ghamlet interventi, spejjez taghha, il-units hadmu tajjeb. Ghal dawk l-ispejjez ma ghamlet l-ebda talba rikonvenzjonali.

Respinta l-kwistjoni tal-appalt, din il-Qorti tghid illi s-socjeta` konvenuta ma tistax tippretendi li zzomm il-makkinarju, taghmel uzu minnu ghal snin, u meta tkun rinfaccjata b`talba ghal hlas tippretendi li m`ghandhiex thallas ghaliex tallega b`mod infondat illi s-socjeta` attrici kienet inadempjenti. L-ilment tas-socjeta` konvenuta ma jistax jigi accettat u s-socjeta` attrici m`ghandhiex tigi kkastigata ghan-nuqqas tal-prosegwiment da parti tas-socjeta` konvenuta ta` dawk il-passi illi kieku dehrilha setghet hadet sabiex thares il-pretensjonijiet jew id-drittijiet taghha.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` erbatax-il elf mitejn u sebgha u sittin Ewro wiehed u erbghin centezmi (€14,267.41) ekwivalenti ghal sitt elef mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm6,125), bl-imghaxijiet kummercjali b`effett mit-12 ta` Gunju 2006 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta` Settembru 2006 u dawk tal-mandat ta` sekwestru li kien ipprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------